**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 63/16 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Clayton Fenech (ID 461189 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-26 ta' Frar 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf, seba' mija u sitta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,756.27), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, seba' mija u sitta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,756.27), in kwantu ghal: elf u tliet mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlieta w tletin centezmu (€1,327.33) liema somma hija rapprezentanti ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazti tat-tgariffa 'Voda Red Basic Con-World' referibbli ghall-kont bin-numru 1.1099734; u erba' mija u tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u disghin centezmu (€428.94) liema somma hija rapprezentanti ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-World' referibbli ghall-kont bin-numru 1.10997394.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv ta' l-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Illi anness ma' din it-talba qieghed jigi prezentat affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici li bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont hawn reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu. (Dok. VF 1).

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' din it-Talba, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv ta' l-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u sitta w hamsin Euro u sebgha w ghoxrin centezmu (€1,756.27) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur